**Introduzzjoni**

Fl-1 ta' Jannar 2008 Malta adottat l-euro uffiċjalment bħala l-munita nazzjonali tagħha u l-Bank Ċentrali ta' Malta sar membru tal-Eurosistema, li tinkludi l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-banek ċentrali nazzjonali tal-iStati Membri tal-UE li adottaw l-euro. L-Eurosistema hi responsabbli għall-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika monetarja unika għaż-żona tal-euro. Bħala membru tal-Eurosistema, l-għan ewlieni tal-Bank hu ż-żamma tal-istabbiltà tal-prezzijiet. L-istabbiltà tal-prezzijiet hija meqjusa bħala l-għan proprju tal-politika monetarja, meħtieġa biex tinkoraġġixxi tkabbir ekonomiku sostenibbli u livell għoli ta' mpjieg.

L-Eurosistema ddefiniet l-istabbiltà tal-prezzijiet bħala żidiet annwali fil-prezzijiet fiż-żona tal-euro ta' inqas minn, iżda qrib it-2%, fuq żmien medju. Fit-twettiq tal-istrateġija tal-politika monetarja tiegħu, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE janalizza l-iżviluppi ekonomiċi u monetarji biex jivvaluta r-riskji għall-istabbiltà tal-prezzijiet u jasal għal deċiżjonijiet tal-politika.

Il-Bank jikkontribwixxi biex tintlaħaq l-istabbiltà tal-prezzijiet fiż-żona tal-euro permezz tal-parteċipazzjoni tal-Gvernatur fil-Kunsill Governattiv. Il-Bank hu responsabbli wkoll għall-implimentazzjoni f'Malta tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill Governattiv dwar il-politika monetarja bl-użu ta' firxa ta' strumenti tal-politika monetarja.

F'din it-taqsima wieħed jista' jsib iżjed informazzjoni dwar il-maniġġ tal-kollateral u dwar deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill Governattiv.

L-istrateġija tal-politika monetarja tal-BĊE